MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 487/2010

**Joan Debattista, Emanuel Micallef, Elis Ciappara, Julian Micallef, Rose Micallef, Tony Micallef, Michael Micallef, John Micallef, Anna Micallef, Peter Micallef, Cynthia Micallef, Mary Gauci, Richard Gauci, Joseph Gauci, Josephine Vassallo, Vincent Galea, Carmel Galea, Kristinu Galea, Raymond Galea, Alfred Galea, Ninu Azzopardi, Marco Azzopardi, Kristan Pisani, Marthese Azzopardi, Veron Azzopardi, Ian Paul Azzopardi, Ludwic Azzopardi, Saviour Tanti, Joseph Tanti, Paul Tanti, Romilda Lowell, Carmen Pawley, Luciana Tanti, Valentina Tanti, Nazzareno Tanti, John Tanti, Paul Tanti, Carmen Vassallo, Victoria Azzopardi, Joseph Tanti, Saviour Tanti, Bernardette Balzan**

**-vs-**

**Francis Sammut**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta' Mejju 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Dikjarazzjoni dwar l-oġġett tal-kawża

1. Illi l-esponenti huma s-sidien ta' porzjoni art denominata tal-Lombard fil-kontrada ta' San Pawl tal-Pitkali tal-kejl ta' ċirka erbat elef, erba' mija u sitta u disgħin (4496) metri kwadri u tmiss min-nofs inhar ma' Triq tal-Pitkali, mit-tramuntana ma' ġid tal-aventi *causa* ta' Pawlu Busuttil u mil-Lvant mal-ġid ta' Ġużeppi Abela jew irjieħ oħra, miksija kollha kemm hi bil-kulur isfar f'Dok A hawn anness, u liema art kienet imqabbla in parti għall-ammont ta' erbgħa u tletin ċenteżmu (34c) Maltin fis-sena lil ċerta Anna Borg li mietet fl-1999.

2. Illi l-konvenut qiegħed jokkupa l-art in kwistjoni mingħajr ebda titolu validu fil-liġi *ciononostante* qiegħed jivvanta li għandu titolu ta' ċens (Dok B), liema titolu huwa għal kollox ineżistenti, u dan kif se jiġi ppruvat f'din il-kawża.

3. Illi minkejja li mitlub sabiex jiżgombra mill-istess art, il-konvenut għadu jokkupa l-istess art.

Raġuni tat-Talba

1. Illi l-esponenti rrespinġew il-pretensjonijiet vessatorji tal-konvenut u interpellawh permezz ta' protest ġudizzjarju (Dok C) biex jieqaf milli jibqa' jivvanta titolu fuq l-art proprjeta' tal-esponenti u sabiex jiżgombra minnha minnufih, iżda dan mhux tali ma żgumbrax iżda talli reġa' tenna l-pretensjonijiet fiergħa tiegħu permezz ta' att ġudizzjarju, u ċjoe' ċedola ta'depożitu oħra (Dok D)

2. Illi permezz ta' ittra uffiċjali tat-8 ta' Mejju 2006 (Dok E), l-esponenti interpellaw mill-ġdid lill-istess konvenut sabiex minnufih jiżgombra mill-art in kwestjoni, u mill-ġdid il-konvenut baqa' inadempjenti.

3. Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Talba

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-esponenti qegħdin bil-qima jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:-

1. Tiddikjara li l-konvenut m'għandu l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-porzjoni art denominata tal-Lombard fil-kontrada ta' San Pawl tal-Pitkali tal-kejl ta' ċirka erbat elef, erba' mija u sitta u disgħin (4496) metri kwadri u tmiss min-nofs inhar ma' Triq tal-Pitkali, mit-tramuntana ma' ġid tal-aventi *causa* ta' Pawlu Busuttil u mil-Lvant mal-ġid ta' Ġużeppi Abela jew irjieħ oħra, miksija kollha kemm hi bil-kulur isfar f'Dok A hawn anness.

2. Tillikwida somma rappreżentanti ħlas dovut bħala kumpens lill-esponenti għall-okkupazzjoni illegali tal-imsemmija art da parti tal-konvenut, tul iż-żmien li ilu hekk jokkupaha, sakemm din l-art titbattal favor l-esponenti.

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti s-somma hekk likwidata.

4. Tipprefiġġi lill-konvneut żmien qasir u perentorju sabiex joħroġ u jiżgombra mill-imsemmija art favor l-atturi battala u vakanti minn kull pussess, u fin-nuqqas li jagħmel dan, li l-esponenti jkunu jistgħu joħorġu l-mandati eżekuttivi opportuni għall-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmija art;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju tal-15 ta' Lulju 1999 u tal-ittra uffiċjali preżentata fit-8 ta' Mejju 2006, u bil-konvenut minn issa inġunt in subizzjoni.

B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi;

Semgħet lill-attriċi Joan Debattista;

Rat l-affidavit tal-A.I.C. Nicholas Sammut Tagliaferro preżentat fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2010;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament u l-ħlas ta' danni għar-raġunijiet imsemmja fir-rikors. Il-konvenut ma pparteċipax fil-proċeduri u kif ġia' ingħad huwa kontmaċji skond il-liġi; l-atturi ressqu l-provi tagħhom li ma ġewx kontestati u kontradetti.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha; għall-fini tat-tieni talba tillikwida d-danni fl-ammont ta' tliet elef, ħames mija u sitta u disgħin Ewro (€3,596) skond l-istima peritali preżentata mill-atturi u, tikkundanna lill-konvenut iħallashom din is-somma bħala danni; għall-fini tar-raba' talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż tal-kawża a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------